7 ta' Novembru, 1949

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Anthony Simiana**

**Riċettazzjoni — Kompliċità — Prova.**

*Għall-finijiet tal-kompliċità fir-riċettazzjoni, ix-xjenza fil-kompliċi ma tistax tkun "ex post", imma għandha tkun prurata fil-mument ta' l-akkwist illegali.*

*Ix-xhieda tal-kompliċi tista' tirċievi l-konferma tagħha anki mill-imġieba ta' l-imputat.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-29 ta' Lulju 1949, l-imsemmi Simiana ġie misjub ħati ta' riċettazzjoni ta' oġġetti misruqa, ta' valur aktar minn £3 imma inqas minn £10, u kundannat għall-priġunerija għal żmien tliet xhur;

L-imputat appella;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Ma hemmx dubju illi, bħala motivazzjoni, is-sentenza appellata hi passibili ta' ċensura; għaliex qisha qiegħda tipprospetta l-ipotesi, manifestament skorretta, illi x-xjenza fir-riċettazzjoni tista' tkun "ex post", mentri hu ċar li din ix-xjenza għandha tkun pruvata fil-mument ta' l-akkwist illegali. Lanqas il-frażi "diligenza ta' missier tajjeb tal-familja" ma hija tant approprjata fil-kontest;

Il-pożizzjoni ġuridika hi pjuttost din. Skond it-tlieta li serqu, l-imputat, meta xtara, kien qalilhom "ara tinqabdu". Ix-xhieda tagħhom però għandha titqies bħala xhieda ta' kompliċi, għaliex huma kienu qegħdin imexxu oġġetti misruqa—fatt li jammonta wkoll għal riċettazzjoni;

Il-punt, għalhekk, hu jekk ix-xhieda tagħhom hijiex konfermata minn xi ċirkustanzi oħra, u li tikkonnetti lill-imputat mal-każ;

Il-Qorti ssib din il-konferma f'żewġ ċirkustanzi li jirriżultaw mix-xhieda ta' l-istess imputat........... L-imġieba ta' l-imputat, kif tidher mix-xhieda tiegħu stess, hi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, konferma tax-xhieda tal-kompliċi; u hi ħaġa nota li l-konferma tista' tiġi mill-imġieba ta' l-imputat (ara Archbold, Criminal Pleadings etc., 1943 edition, pag. 438);

Għalhekk is-sentenza appellata hi konfermata fis-sens talmotivazzjonijiet premessi; u l-appell hu miċħud.